2.5 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fl-istess qasam ta'xogħol fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, jew permezz ta' *progression*, il-persuna tilħaq Skala ta' salarju ogħla mill-massimu ta' Skala 7 il-persuna tkun intitolata li tibqa' żżomm il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Economy and Budget)* u, fit-tiġdid tal-kuntratt, li tirċievi l-emolumenti globali ekwivalenti għall-punt/skala tas-salarju sostantiv ġdid li miegħu jiżdied ammont ekwivalenti għal ħmistax fil-mija ta' dawn l-emolumenti globali. Dan il-provvediment speċifikament jeskludi kull "*top structure*" *position* b'kuntratt li miegħu ikollu marbut ħlas għall-*performance*. Madankollu, il-pakkett sħiħ li jirċievi l-uffiċjal pubbliku ma jistax ikun ogħla minn żewġ skali ta' salarju fuq l-iskala li dak l-uffiċjal pubbliku jirċievi u li normalment ikun marbut magħha meta jaqdi dmirijietu barra minn Malta u ma tista' fl-ebda każ teċċedi l-massimu ta' Skala 5.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Economy and Budget)* ikun il-massimu ta' skala ta' salarju 7 tal-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku (€20,296 fl-2008). Il-persuna magħżula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċjal Pubbliku fil-grad ta' *Counsellor* fid-*Diplomatic Grades*. F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-ingaġġ bħala *Technical Attaché (Economy and Budget)* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Economy and Budget)* hija mehmuża ma' din is-sejħa bħala Appendiċi I.

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom livell ta' kompetenza xierqa u għalhekk kwalifikati sabiex jagħtu pariri fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif jidhru f'din is-sejħa;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kienux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

(Economy and Budget) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

2.5 If the selected candidate is a public officer and is, during the assignment period, appointed in the same stream in a grade above scale 7, or through progression attains a scale above the maximum of scale 7 he/she shall be entitled to retain his/her position as Technical Attaché (Economy and Budget) and, on renewal, to receive global emoluments equivalent to his/her new substantive point/scale supplemented by the addition of an amount equivalent to fifteen percent of the said global emoluments. This provision specifically excludes all top structure positions on a performance related contract. However, the total package received by the officer is invariably subject to a remuneration not higher than two Public Service salary scales above the scale the public officer in question would normally be linked to when posted overseas and can in no case exceed the maximum of scale 5.

3. The salary attached to the position of Technical Attaché (Economy and Budget) is the maximum point of salary scale 7 of the Public Service salary scales (€20,296 in 2008). In addition, the selected person will receive the same compensation package by way of benefits and allowances paid to a Public Officer in the Diplomatic Grade of Counsellor. Where applicable, for the purpose of the 1937 Pensions Ordinance, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary, benefits and allowances of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The engagement as Technical Attaché (Economy and Budget) is on a full-time basis and the selected person will be resident in Brussels.

A detailed job description of the position of Technical Attaché (Economy and Budget) is attached as Appendix I to this call.

5. Applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) have an adequate level of expertise and are thus qualified to advise on the specialised areas advertised in this call;

(iii) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt bħala *Technical Attaché (Economy and Budget)* u tintrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

7. On engagement, the selected applicant will be required to enter into an agreement as Technical Attaché (Economy and Budget) and will be bound by the terms and conditions stipulated in this agreement.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 Il-Bord tal-Għażla jgħarbel il-kompetenza, l-kapaċitajiet, l-esperjenza, il-karatteristiċi personali ta' kull kandidat u l-potenzjal li għandu sabiex jaqdi d-dmirijiet marbuta ma' din il-pozizzjoni ta' *Technical Attaché (Economy and Budget)*.

8.2 The Selection Board will assess the candidates' knowledge, skills, experience, personal attributes and overall potential for assuming the responsibilities attached to the position of Technical Attaché (Economy and Budget).

8.3 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Finance, the Economy and Investment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition*

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta

Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Novembru 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax*/*email* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Novembru 2008, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment huwa + 356 21251356.

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Segretarju Permanent fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Ministry of Finance, the Economy and Investment.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, are to be submitted directly to the Permanent Secretary of the Ministry of Finance, the Economy and Investment, 30, Triq Nofsinhar, Valletta by not later than noon of Friday, 7th November 2008.

13. Applications received from abroad through a fax/email or other similar message by noon of Friday, 7th November 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary of the Ministry of Finance, the Economy and Investment, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The Fax number of Ministry of Finance, the Economy and Investment is + 356 21251356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Finance, the Economy and Investment and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Finance, the Economy and Investment within seven (7) days.

Appendix I

Technical Attaché (Economy and Budget)

Overall Purpose of Position

The Technical Attaché (Economy and Budget) reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union and is responsible for coordinating any tasks and following any issues within the Permanent Representation related to Economic and Budgetary Affairs as well as keeping the Permanent Representative abreast of any relevant issues in this area.

Main Responsibilities

External

1. A. Representing Malta in Council Working Party and Committee meetings as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes that might be provided by the Ministry/ies concerned through the EU Secretariat;

B. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved Distribution List as well as alerting, by telephone, the Ministry concerned, the EU Secretariat and the *Cabinet* of the Permanent Representative in the event of immediate issues;

C. Shadowing Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta including where Malta has a proxy arrangement with another Member State;

D. Following up with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission, as required;

E. Coordinating the follow-up of any issues arising at the above-mentioned meetings as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

2. A. Participating in the Council and other EU-related Ministerial meetings, COREPER meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

B. Compiling and sending reports of Ministerial Council meetings as well as for those items discussed in COREPER meetings related to this position's area of responsibility immediately after the completion of the meeting;

3. Setting up and holding regular meetings with counterparts from, or representatives of, the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other Institutions in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive connections with other Member States and the EU Institutions;

4. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Internal

5. Following up, on a daily basis, items falling under this position's area of responsibility which are of particular concern to Malta and which are listed in the Table entitled "List of Priority Items for Malta" which is coordinated and circulated on a regular basis by the *Cabinet* of the Permanent Representative;

6. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area of responsibility and liaising with the relevant Units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

7. Keeping track of developments related to this position's area of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora, and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

8. Providing input, on a weekly basis, to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the Tables entitled "The Week Ahead" and "Highlights of the Week" which provide information and input to the Permanent Representative for the weekly meetings of the Inter-Ministerial Committee for EU Affairs and the Cabinet of Ministers;

9. Providing input to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs for COREPER II, COREPER I and PSC meetings;

10. Providing input to the Secretariat of the Minister concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related Ministerial meetings;

11. Drawing up Briefing and Background Notes as well as Instruction Notes and Speaking Notes related to this position's area of responsibility as and when required;

12. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Appendix II

CRITERIA

	Maximum Marks
Knowledge	**30**
Knowledge of the business of the Ministry Relevant qualifications Familiarity with EU institutions, particularly the Council	
Skills	**30**
Ability to assimilate complex information and to rapidly identify key issues Communication skills (particularly in writing)	
Experience	**30**
Experience and track record in handling issues related to the Ministry's work Experience and track record in advisory and policy development work	
Personal attributes	**10**
Commitment and initiative Ability to work in a team Tact and diplomacy	
Maximum	**100**
Minimum	**60**

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Public Internal Financial Control* (Pifc) *Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Public Internal Financial Control* (PIFC) *Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate*, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Public Internal Financial Control Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate*. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Public Internal Financial Control* (PIFC) *Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha ħatra sostantiva, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv tagħha meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha ħatra sostantiva, l-impieg tagħha mal-*Internal Audit and Investigations Directorate* kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li jiġi terminat l-*assignment*.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv, u matul il-perjodu tal-*assignment* tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri tagħha ta' *Public Internal Financial Control Auditor* fl-*Internal Audit and Investigations Directorate* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-*assignment* stipulat.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' skala 7 (bħalissa €20,296 fis-sena). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), f'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jkollha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Public Internal Financial Control (Pifc) Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate within the Office of the Prime Minister

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender*

The Public Service Commission invites applications for the positions of Public Internal Financial Control (PIFC) Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate, Office of the Prime Minister.

2.1. The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Public Internal Financial Control Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate. Unsatisfactory performance as a Public Internal Financial Control Auditor during the contract period will lead to termination of the assignment.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service holding a substantive appointment, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service holding a substantive appointment, his/her employment with the Internal Audit and Investigations Directorate as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service holding a substantive grade, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Public Internal Financial Control Auditor in the Internal Audit and Investigations Directorate and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term stipulated term of assignment.

3.1 The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Scale 7 (currently €20,296 per annum). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), in case the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Public Internal Financial Control Auditor* jinkludu:-

(a) li taffettwa assikurazzjonijiet indipendenti u oġġettivi u attività ta' konsulenza, maħsuba biex ikattru l-valur u jtejbu l-ħidmiet tal-entitajiet awditjati, filwaqt li jgħinu l-istess entitajiet awditjati jilħqu l-għanijiet tagħhom permezz tal-introduzzjoni ta' metodi sistematiċi u dixxiplinati, sabiex tiġi valutata u mtejba l-effettività ta' *risk management,* kontrolli u proċessi ta' governanza;

(b) li taffetwa dawk il-funzjonijiet f'dipartimenti, ministeri u entitajiet tal-Gvern li jiżguraw li jiġu osservati l-kontrolli finanzjarji u kontrolli oħra relatati, kif ukoll is-sistemi, il-linja ta' *policy* u l-proċeduri meħtieġa għall-funzjonament kif imiss ta' dawk id-dipartimenti, ministeri u entitajiet tal-Gvern;

(ċ) li tindika u tinvestiga irregolaritajiet u kwalunkwe att jew ommissjoni li jnaqqas il-fondi pubbliċi kontra l-liġi jew kwalunkwe ħaġa li ma tikkonformax mal-amministrazzjoni tagħhom kif imiss;

(d) li taffettwa investigazzjonijiet finanzjarji, investigazzjonijiet speċjali u awditjar taħt id-direzzjoni tad-Direttur Generali tal-*Internal Audit and Investigations Directorate*;

(e) li tiddetermina u tivverifika l-eżistenza ta' assi tal-Gvern u kemm dawn qed ikunu maħżuża u protetti minn telf ta' kull tip;

(f) li tevalwa l-osservanza fid-dipartimenti, ministeri u entitajiet tal-Gvern tal-liġijiet, regoli, rekwiżiti oħra esterni, *policies* interni, direttivi u rekwiżiti oħra, bħal awtorizzazjonijiet adattati għal transazzjonijiet;

(g) li taffettwa awditjar ta' sistemi, verifiki u skrutinji, ċertifikazzjoni u proċeduri tal-għeluq ta' proġetti finanzjati jew ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea;

(h) li tiżviluppa relazzjoni kontinwa ma' servizzi tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-kontrolli interni u awditjar, DG Regio, DG Agri, kif ukoll ma' dawk li jispeċjalizzaw fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, partikularment kontra l-frodi u ħela ta' flus, bħal l-OLAF.

(i) xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tad-Direttur Generali, *Internal Audit and Investigations*;

3.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to 10% of his/her basic salary.

4. The duties of a Public Internal Financial Control Auditor include:-

(a) the carrying out of independent objective assurance and consulting activity designed to add value and improve the operations of auditees, helping the auditee to accomplish its objectives by bringing a systematic, disciplined approach to evaluate and improve the effectiveness of risk management, control and governance processes;

(b) the carrying out of compliance and assurance functions within Government departments, ministries and entities that ensure that financial and other related controls, systems, policies and procedures necessary for the proper functioning of that Government department, ministry or entity are adhered to;

(c) highlighting and investigating irregularities and any acts or omissions which unlawfully diminish public funds and whatever is not consonant with the proper management thereof;

(d) carrying out financial investigations, special investigations and audits as directed by Director General, Internal Audit and Investigations;

(e) determining and verifying the existence of Government assets and the extent to which they are accounted for and safeguarded from losses of any kind;

(f) reviewing compliance of Government ministries, departments and entities with laws, regulations and other external requirements and with internal policies and directives and other requirements including appropriate authorisation of transactions;

(g) carrying out systems audits and verification checks and scrutinies, certification and winding up procedures in relation to EU funds and EU co-funded projects; and

(h) liaising with EU Commission services responsible for internal control and audit, DG Regio, DG Agri, as well those specialising in the protection of EU financial interests particularly against mismanagement and fraud, such as OLAF;

(i) carrying out any other work as directed by the Director General - Internal Audit and Investigations.

(j) xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tas-Segretarju tal-Kabinett.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet l-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f' a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sa kemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikollhom l-abbiltà li jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(c) ikollhom *degree* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli, fl-*Accountancy*;

(d) ikollhom mill-inqas tliet snin esperjenza fl-awditjar u/jew *accountancy*; u

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form* (GP47); fil-waqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(j) carrying out any other work as directed by the Secretary to Cabinet.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which the EU provisions apply); or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person who is mentioned at a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate the Maltese and English languages;

(c) be in possession of a recognized degree, or a recognized comparable qualification, in Accountancy;

(d) have a minimum of three years practical experience as accountant and/or auditor;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service, giving details).

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

7.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Office of the Prime Minister.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali kollha.

7.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.3 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà kwalifiki maħruġa mill-Malta *Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni,

8.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a

maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom, u f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Generali (*Internal Audit and Investigations Directorate*), Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Generali, *Internal Audit and Investigations Directorate*), Valletta Buildings, *Lower Ground Floor,* Triq Nofsinhar, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Gimgħa, 7 ta' Novembru 2008.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, is-7 ta' Novembru 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, *Internal Audit and Investigations Directorate*, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta sa mhux aktar tard minn gimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax tal-*Internal Audit and Investigations Directorate* huwa +356-21 237681.

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Generali, *Internal Audit and Investigations Directorate*, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta mid-Direttur Generali *Internal Audit and Investigations Directorate,* fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-14 ta' Ottubru, 2008

copy of the statement issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General (Internal Audit and Investigations Directorate), Valletta Buildings, Lower Ground Floor, South Street, Valletta.

11. Applications together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director General, Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta by not later than noon of Friday, 7th November 2008.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 7th November 2008, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, Triq Nofsinhar, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Internal Audit and Investigations Directorate is +356-21 237681.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Internal Audit and Investigations Directorate, Valletta Buildings, Lower Ground Floor, South Street, Valletta and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Internal Audit and Investigations Directorate, within seven (7) days.

14th October, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Principal Economics Officer*
fid-Diviżjoni tat-Teżor

**Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Economics Officer* fid-Diviżjoni tat-Teżor.

2. Il-post ta' *Principal Economics Officer* għandu salarju ta' €18,253 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €21,831 (Skala ta' Salarju 6).

3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Union*s kompetenti.

4. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll fid-Diviżjoni tat-Teżor b'mod partikolari. Il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku Malti.

5. Fost affarijiet oħra, il-persuna magħżula tkun meħtieġa li tagħmel xogħol ta' riċerka, analiżi tal-ekonomija, żamma ta' *data* tal-istatistika, preżentazzjoni ta' rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra, u xogħol ieħor li tista' tingħata minn żmien għal żmien mid-Direttur Ġenerali, Teżor.

6. Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjizi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Principal Economics Officer
in the Treasury Division

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the post of Principal Economics Officer in the Treasury Division.

2. The salary for the post of Principal Economics Officer is €18,253 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €21,831 (Salary Scale 6).

3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

4. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Treasury Division in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

5. The selected applicant will be required, inter alia, to undertake research work, perform economic analysis, compile statistical data, economic reports and other documents, and any other duties as may be determined from time to time by the Director General, Treasury.

6. By the closing date and time of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(c) (i) uffiċjali pubbliċi fil-grad sostantiv ta' *Senior Economics Officer*;

jew

(ii) uffiċjali pubbliċi fil-grad sostantiv ta' *Economics Officer* li għandhom mill-anqas ħames snin prattika xierqa jew erba' snin jekk għandhom kwalifika *post-graduate* xierqa;

jew

(iii) persuni li għandhom kwalifika *post-graduate* ogħla xierqa (Ph.D. jew kwalifika oħra komparabbli) u għandhom tal-inqas tliet snin esperjenza f'xogħol prattiku relatat.

(d) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita`), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Novembru, 2008 fil-Ministeru għal Għawdex, Sezzjoni tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 22/2008. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *electromechanical barriers* fl-entraturi tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex matul is-sena 2008.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni tat-Teżor, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex u mit-Taqsima tal-Provvisti, *Medical Stores Building*, Sptar San Luqa, Guardamanga f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-14 ta' Ottubru, 2008

MINISTRY FOR GOZO

The Director Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Treasury Section, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Tuesday, 4th November 2008, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 22/2008. Supply, delivery, installation and commissioning of electromechanical barriers at the entrances of the Gozo General Hospital for the year 2008.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Treasury Section, Ministry for Gozo, Victoria and Supplies Section, Medical Stores Building, St Luke's Hospital, Guardamangia, Malta, on any working day during office hours.

14th October, 2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Direttur tal-*Customer Services*, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Ottubru, 2008, fil-kaxxa tal-offerti indirizzati lit-Taqsima tal-Kultura fit-Taqsima tat-Teżor (Taqsima tal-*Accounts*), Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Stallazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq Sir A. Dingli u parti mit-Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat għal Festi tal-Milied 2008.

Il-formoli tal-offerta u aktar tagħrif u speċifikazzjonijiet oħra jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kultura, Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-14 ta' Ottubru, 2008

MINISTRY FOR GOZO

The Director of Customer Services, Ministry for Gozo notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Culture Section in the Treasury Section (Accounts Section), Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria by not later than 2.00 p.m. of Friday, 24th October, 2008, for:

Installation of decorative lights for Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Sir A. Dingli and part of Triq Fortunato Mizzi, Victoria for Christmas 2008 Festivities.

Tender forms and further information and other specifications may be obtained from the Culture Section, Independence Square, Victoria, Gozo during normal office hours.

14th October, 2008

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-23 ta' Ottubru, 2008, fil-kaxxa tal-offerti fid-Direttorat tat-Toroq, Triq Agius de Soldanis, Sta Venera, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RD 27. Xogħlijiet ta' tiswijiet tal-ġnub tat-toroq f'toroq arterjali u distributorji għal tmiem l-2008 - Reġjun tan-Nofsinhar.

Dan l-avviż qiegħed jissostitwixxi l-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Ottubru, 2008.

Il-formoli tad-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tat-Toroq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar għall-ħlas ta' €115.00.

L-14 ta' Ottubru, 2008

KUNSILL LOKALI ŻABBAR

Il-Kunsill Lokali Żabbar jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-13 ta' Novembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. ZLC 6/2008. Stallazzjoni (biss) ta' dawl dekorattiv mal-Mina ta' Hompesch, Ħaż-Żabbar.

Dan ix-xogħol irid jitlesta fi żmien xahar minn meta jingħata l-kuntratt.

Avviż Nru. ZLC 7/2008. Provvista ta' dawl dekorattiv mal-Mina ta' Hompesch, Ħaż-Żabbar.

Din il-provvista trid issir fi żmien sitt ġimgħat minn meta jingħata l-kuntratt.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.94 għal kull dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. L-offerti jinfetħu eżatt wara l-ħin tal-għeluq fil-pubbliku.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-14 ta' Ottubru, 2008

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Network Infrastructure Directorate, Triq Agius de Soldanis, St Venera, up to 10.00 a.m. of Thursday, 23rd October, 2008, for:-

Advt. No. RD 27. Road side repair works on arterial and distributor roads for end 2008 - South Region.

This advert replaces the one published in the Government Gazette of the 10th October, 2008.

Forms of tender documents may be obtained from the Network Infrastructure Directorate on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of €115.00.

14th October, 2008

ŻABBAR LOCAL COUNCIL

The Żabbar Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon of Thursday, 13th November, 2008, for:

Advt. No. ZLC 6/2008. Installation (only) of decorative floodlights for Hompesch Gate, Żabbar.

All works covered in this tender must be completed within a period of one month.

Advt. No. ZLC 7/2008. Supply of decorative lighting for Hompesch Gate, Żabbar.

All items included in this contract shall be delivered within 6 weeks.

A fee of €34.94 is to be charged for every copy of tender document.

Tender documents and further information may be collected from the Council's Administrative Office. Tenders will be opened in public immediately after closing time.

The Council reserves the right to reject any tender, even the most advantageous

14th October, 2008

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-23 ta' Ottubru 2008, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 01/2008. Servizz professjonali ta' perit u inġinier ċivili

Avviż Nru. 02/2008. Żamma, manutenzjoni, kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' Bankini.

Avviż Nru. 03/2008. Żamma, manutenzjoni, kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' toroq u traqqigħ.

Avviż Nru. 05/2008. Żamma u manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku.

Avviż Nru. 06/2008. Tindif u manutenzjoni ta' *parks* u ġonna.

Għandu jitħallas dritt ta' €60 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 04/2008. Tindif u tisbiħ ta' żoni urbani, żoni mhux urbani u fetħiet fil-periferiji ta' Pembroke, jiġifieri:

a. Tindif, żgumbrar u qtugħ ta' ħaxix ta' *soft areas*.

b. Qtugħ ta' ħaxix, knis u żgumbrar ta' toroq urbani.

ċ. Qtugħ ta' ħaxix, knis u żgumbrar ta' toroq mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' €150 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 08/08. Servizz ta' persuna biex tieħu ħieb il-masġar

Kwot. Nru. 09/08. Provvista ta' *litter bins*.

Kwot. Nru. 10/08. Tindif tal-uffiċċju amministrattiv.

Kwot. Nru. 11/08. Servizz ta' avukat.

Kwot. Nru. 12/08. Provvista ta' boroż tal-iskart domestiku għar-riċiklaġġ.

L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi f'envelop magħluq. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-offerti/kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta/kwotazzjoni jew parti minnha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-14 ta' Ottubru, 2008

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Thursday, 23rd October 2008, for:-

Advt. No. 01/2008. Professional services of an achitect and civil engineer

Advt. No. 02/2008. Upkeep, maintenance, construction and resconstruction of pavements.

Advt. No. 03/2008. Upkeep, maintenance, construction and reconstruction of roads and patching.

Advt. No. 05/2008. Upkeep and maintenance of traffic signs.

Advt. No. 06/2008. Cleaning and maintenance of parks and gardens.

A fee of €60 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 04/2008. Cleaning and embellishment of urban, non urban and open areas within Pembroke boundaries, i.e.

a. Cleaning, clearing and grass cutting of soft areas.

b. Weeding, sweeping and clearing of urban roads.

c. Weeding, sweeping and clearing of non-urban roads.

A fee of €150 is to be paid for every copy of tender document.

Quot. No. 08/08. Service of a forester.

Quot. No. 09/08. Supply of litter bins.

Quot. No. 10/08. Cleaning of administrative office.

Quot. No. 11/08. Service of a lawyer.

Quot. No. 12/08. Supply of domestic garbage bags for recycling.

All tenders/quotations are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours.

Tenders/quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender/quotation or part there of, even the most advantageous.

14th October, 2008

KUNSILL LOKALI VALLETTA

Il-Kunsill Lokali Valletta jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Novembru 2008, fl-Uffiċċju tal-Kunsill għandhom jiġu depożitati offerti magħluqin għal:-

Avviż. Nru. *Marketing* u Stampar - 01. Provvediment ta' servizzi ta' *marketing* u stampar.

Id-dokumenti tal-offerta relatati jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill fuq ħlas ta' €70.00 għal kull set tad-dokumenti.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fl-istess uffiċċju fid-data u l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-14 ta' Ottubru, 2008

VALLETTA LOCAL COUNCIL

The Valletta Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited at the Council's Office by not later than 1.00 p.m. of Wednesday, 12th November 2008, for:-

Advt. No. Marketing and Printing - 01. Procurement of marketing and printing services.

Tender documents can be obtained from the Council's office at a fee of €70.00 each.

Tenders will be opened in public at the same office on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

14th October, 2008

KUNSILL LOKALI GĦARB

Il-Kunsill Lokali Għarb qed jilqa' offerti għall-kostruzzjoni u xogħol ta' tlestija ta' Ċentru Ċiviku.

Avviż Nru. Ten 04-08/09. Ix-xogħlijiet jinkludu:-

irranġar fl-istruttura preżenti u kostruzzjoni ta' bini ġdid;

xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum, kisi, tibjid, eċċ;

xogħlijiet ta' drenaġġ u *fittings* tat-*toilets;*

xogħol tad-dawl u l-ilma;

provvista u stallazzjoni ta' bibien ta' ġewwa tal-injam;

provvista u stallazzjoni ta' aperturi tal-aluminju.

Persuni interessati jistgħu jissottomettu l-offerta tagħhom għall-proġett sħiħ jew għal xi parti jew partijiet minnu. Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Għarb għall-ħlas ta' €70.00 kull dokument. L-offerti jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Novembru 2008 u jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-14 ta' Ottubru, 2008

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council is accepting tenders for the construction and finishing of Civic Centre.

Advt. No. Ten 04-08/09. Works include:-

alterations of the existing structure and new construction;

finishing works (tiles, plastering, painting, etc);

drainage works and sanitary ware;

water and electricity works;

provision and installation of wood internal doors;

provision and installation of aluminium apertures.

Interested persons may submit tenders for the whole project or any part/s thereof. Tender documents may be collected from the Local Council's Administrative Office against a payment of €70.00 each document. Tenders close at noon of Tuesday, 4th November 2008 and will be opened in public immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse all offers, even the most advantageous.

14th October, 2008

KUNSILL LOKALI MARSA

Il-Kunsill Lokali Marsa jgħarraf illi:-

Sas-1.15 p.m. ta' nhar il-Erbgħa, id-29 ta' Ottubru 2008, fil-kaxxa tal-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLM 04/07. Knis ta' toroq fl-inħawi tal-korsa taż-żwiemel.

Għandu jitħallas dritt ta' €105 għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill matul il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku immedjatament wara l-ħin ta' l-għeluq stipulat.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

L-14 ta' Ottubru, 2008

MARSA LOCAL COUNCIL

The Marsa Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited in the tender box at the Council's Office by not later than 1.15 p.m of Wednesday, 29th October 2008, for:-

Advt. No. KLM 04/07. Street sweeping in racecourse area.

A fee of €105 will be charged for each tender document.

Tender documents may be obtained from the Local Council's Administrative Office during office hours. Tenders will be opened in public immediately after the stipulated closing time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

14th October, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1493

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Settembru 2008, ġie ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Matthew Mifsud (ID532083M) ta' 21, Kashmir, Triq il-Batterija taż-Żonqor, Marsaskala, ippreżentaw Talba fit-28 ta' April 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Geremia Esposito ta' 16, Man, Flat 1, Triq Carmelo Penza, Xgħajra, Żabbar sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €2,862.15 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (355/08ISB) hija differita għas-27 ta' Ottubru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 19th September 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Matthew Mifsud (ID532083M) of Kashmir, Triq il-Batterija taż-Żonqor, Marsaskala, filed a Claim on the 28th April 2008 whereby he asked the Tribunal to condemn Geremia Esposita of 16, Man, Flat 1, Triq Carmelo Penza, Xgħajra, Żabbar to pay the plaintiff the sum of €2,862.15 which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests.

The case (Claim Number 355/08ISB) is put off on the 27th October 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1494

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tal-1 ta' Ottubru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Chris Zarb (ID43963) ta' Flat 30, Kappara Court, Triq il-Buqrajq, San Ġwann, ippreżenta Talba fis-27 ta' Ġunju 2007, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil David Isaac (Issa Isslam Tawfik Issa) (ID20380A) ta' Flat 3, Buontempo Estate, Balzan Valley, Balzan, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €2,352.67 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT 182/07) hija differita għall-14 ta' Novembru 2008 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Consumer Claims Tribunal of 1st October 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Chris Zarb (ID43963M) of Flat 30, Kappara Court, Triq il-Buqrajq, San Ġwann, filed a Claim on the 27th June 2007 whereby he asked the Tribunal to condemn David Isaac (Issa Isslam Tawfik Issa) (ID20380A) of Flat 3, Buontempo Estate, Balzan Valley, Balzan, to pay the plaintiff the sum of €2,352.67 which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 182/07) is put off on the 14th November 2008 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1495

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Settembru 2008 fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 33/08 fl-ismijiet Mariella Azzopardi (KI 476963M) kontra Carmel sive Charles Farrugia (KI 36165M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmel sive Charles Farrugia (KI 36165M), a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Illi permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-6 ta' Mejju, 2008 Mariella Azzopardi (KI 476963M) legalment separata mill-intimat tagħmel riferenza għall-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar is-6 ta' Frar 1997, fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras ...omissis … u speċifikament għall-obbligu tiegħek dwar il-manteniment ta' uliedek minuri Martina u Keith, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn millum inti tħallasha s-somma ta' tnejn u erbgħin elf, tmien mija u sittax-il ewro u sittax-il ċenteżmu (€42,816.16) skond l-istess kuntratt u skond żewġ prospetti spjegattivi hawn eżibiti …omissis...

Permezz tal-preżenti ittra hija qiegħda tirrendi l-istess kuntratt bħala titolu eżekuttiv kontra tiegħek skond l-Artikolu 256 tal-Kap. 12.

Għaldaqstant int imwissi li jekk ma tagħmilx il-pagament tas-somma msemmija fiż-żmien lilek mogħti, il-mittenti sejra tipproċedi eżekuttivament kontra tiegħek mingħajr ma tagħtik avviż ieħor.

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section), by means of a decree given on the 18 th September 2008, in the records of the judicial letter number 33/08 in the names Mariella Azzopardi (ID 476963M) versus Carmel sive Charles Farrugia (ID 36165M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Carmel sive Charles Farrugia (ID 36165M), in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

That by means of a judicial letter dated and filed in the Civil Court (Family Section) on the 6th May, 2008 Mariella Azzopardi (ID 476963 M) legally separated from the respondent refers to the contract of separation published on the 6th February 1997, in the records of Notary Rosella Sciberras …omissis… and specifically to your obligation regarding the maintenance of your minor children Martina and Keith, and calls on you so that within two days from today you pay her the sum of forty-two thousand, eight hundred and sixteen euros and sixteen cents (€42,816.16) in accordance with the same contract and in accordance with two explanatory statements herewith attached …omissis...

In virtue of this judicial letter she is rendering the said contract as an executive title against you in accordance with Section 256 of Cap. 12.

Therefore you are being warned that if you do not pay the said sum within the period of time given to you, she will proceed in execution against you without any further warning.

Is-somma fuq imsemmija qiegħda tgħaddi wkoll, bl-imgħax skond il-liġi.

Notifika: "Baia" Garage number 3, Miami Apartments Triq ix-Xtut, Qawra, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 9 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The sum above mentioned also accrues with interest, according to law.

Notify: "Baia" Garage number 3, Miami Apartments Triq ix-Xtut, Qawra, Saint Paul's Bay.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 9th October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1496

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Settembru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-24 ta' Ġunju 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Emanuel sive Noel Borg (ID 69863M) ta' 13, Villa Kristina, Triq il-Qortin, Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,207.54 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (489/08ISB) hija differita għall-31 ta' Ottubru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 26th September 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 24th June 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Emanuel sive Noel Borg (ID 69863M) of 13, Villa Kristina, Triq il-Qortin, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €1,207.54 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 489/08ISB) is put off on the 31st October 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1497

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat-28 ta' Awwissu 2008, (Maġistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D) ġiet milqugħa t-talba ta' Benedette Meilak (ID 289336 M), mart Joseph Meilak illum mejjet magħmula fil-kawża:

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

Joseph Meilak ta' 70 sena, iben il-mejjet Joseph u Beatrice neè Vella, imwieled il-Ħamrun fid-29 ta' Diċembru 1937, ta' "Benedetta", Triq ta' Giorni, San Ġiljan u detentur tal-karta tal-identità numru 23638(M);

It is being notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta), as a Court of Criminal Inquiry, on the 28th August 2008 (Magistrate Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D) acceded to the request made by Benedette Meilak (ID 289336 M), wife of late Joseph Meilak in the case:

The Police
(Inspector Martin Sammut)

vs

Joseph Meilak 70 years, son of late Joseph and Beatrice nee' Vella born at Hamrun on the 29th December, 1937, and residing at "Benedetta", Triq ta' Giorni, San Ġiljan, holder of identity card bearing number 23638 (M);

Ordnat it-tħassir tal-ordni ta' sekwestru magħmul fil-15 ta' Mejju 2000 mill-istess Qorti liema ordni ġiet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 16947 tal-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2000 u dan skond l-Artikolu 5(2)(b)(6) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 8 ta' Ottubru, 2008
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta).

JOSEPH SACCO
Aġent Reġistratur

Ordered the cancellation of the attachment order made on the 15th May 2000 by the same Court which order was published in the Government Gazette no 16947 of Friday 19th May 2000 and this in terms of section 5(2)(b)(6) of Cap. 373 of the Laws of Malta.

Today 8th October, 2008
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction Malta)

JOSEPH SACCO
Acting Registrar

1498

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Settembru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Mejju 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Crucifisso Demicoli (ID 457555M) ta' 18, Flat 4, Triq il-Punent, Valletta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €243.67 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (525/08ISB) hija differita għall-31 ta' Ottubru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 26th September 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 4th May 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Crucifisso Demicoli (ID 457555M) of 18, Flat 4, Triq il-Punent, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €243.67 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 525/08ISB) is put off on the 31st October 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1499

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1243/2007 RCP, fl-ismijiet Diane u Paul konjugi Cutajar vs Fiorini Trading Co Ltd (C 19521), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Diane u Paul konjugi Cutajar vs Fiorini Trading Co Ltd (C 19521)fis-27 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti Diane u Paul konjugi Cutajar talbu s-soċjetà intimata, tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

1. Tiddikjara li l-oġġetti kollha elenkati fil-bejgħ bl-irkant enumerat 52/07 huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 7th October 2008, in the records of the sworn Application number 1243/2007 RCP, in the names Diane and Paul spouses Cutajar vs Fiorini Trading Co Ltd (C 19521), ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Diane and Paul spouses Cutajar vs Fiorini Trading Co Ltd (C 19521) on the 27th November 2007, the applicants Diane and Paul spouses Cutajar asked the respondent company to state, why this Court should not;

1. Declare that all the objects listed in the judicial sale numbered 52/07 are part of the community of acquest

viġenti bejn il-komparenti konjugi Cutajar u huma estranei għad-dejn kannoizzat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 27 ta' Ġunju 2006, fl-ismijiet Fiorini' Trading Co Ltd (C 19521) vs Paul Cutajar noe (Ċitazz. Nru. 810/05 TM).

2. Tirrevoka l-atti tal-bejgħ bl-irkant fl-ismijiet Fiorini's Trading Co Ltd (C 19521) kontra Paul Cutajar noe, enumerat.

Bl-ispejjeż, kollha kontra s-soċjetà intimata, inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Konvenut: Fiorini Trading Co. Ltd,
Triq AM Valpenza,
il-Fgura.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1243/2007 RCP, fl-ismijiet Cutajar Diane et vs Fiorini Trading Co Ltd (C 19521) jinsab differit għat-23 ta' Ottubru 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

existing between the parties spouses Cutajar and are extraneous to the debt declared by means of the judgement of the First Hall Civil Court, dated 27th June 2006, in the namnes Fiorini Trading Co Ltd (C 19521) vs Paul Cutajar noe (Writ of Sumons Number 810/05 TM).

2. Revoke the acts of the judicial sale in the names Fiorini's Trading Co. Ltd (C 19521) against Paul Cutajar noe, numbered .

With all costs, against the respondent company, summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Defendant: Fiorini Trading Co. Ltd,
AM Valpenza Street,
Fgura.

The Sworn Application number 1243/2007 RCP, in the names Cutajar Diane et vs Fiorini Trading Co Ltd (C 19521), has been put off to the 23rd October 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1500

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-21 ta' Mejju 2008, fuq rikors ta' Joseph Demarco et. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 18 ta' Novembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT, ili kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar 2008, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond numru erbgħa (4), Church Street, Msida, llum użat mill-Msida St Joseph Football Club, stmat li jiswa €60,500.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Msida St Joseph Football Club.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Sapienza fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-20 ta' Mejju 2008.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 21st of May 2008, on the application of Joseph Demarco et, Tuesday 18th November, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February 2008 to be held on the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta, of the following property.

Tenement number four (4), Church Street, Msida, presently used by Msida St. Joseph Football Club, valued at €60,500.

The said tenement is the property of Msida St Joseph Football Club.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Sapienza on the 20th May 2008.

Registry of the Superior Courts, this 6th October, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1501

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 21st May 2008 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday 6th November, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February 2008 to be held at the Corridors of the Civil Court, Republic Street, Valletta, of the following property.

1. ¼ undivided share of flat 1, Block A Ta' Monita, accessible from St Luke's Street, Marsaskala, subject to an annual and perpetual ground rent of €139.76, valued at €55,000

2. ¼ undivided share of the garage no. 4, Block A, Ta' Monita, accessible from Saint Luke's street, subject to an annual and temporary ground rent of €11.65, valued at €5,250.

3. ¼ undivided share of the commercial tenement named 'Hair Creations by Helena', previously known as MS Households, numbered six (6), Qaliet street, Marsaskala, underlying a block of flats named St. Joseph Flats, valued at €20,500.

The said tenement is the property of Sharon Risiott (Pass No. 682100).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Anthony Cassar on the 26th May, 2008.

Registry of the Superior Courts, this 7th October, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-21 ta' Mejju 2008 fuq rikors ta' Joseph Scicluna et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 6 ta' Novembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar 2008 li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

1. ¼ indiviż tal-flat 1, Block A Ta' Monita, aċċessibbli minn Triq San Luqa, Marsaskala soġġett għaċ-ċens annwu w perpetwu ta' €139.76, stmat li jiswa €55,000

2. ¼ indiviż tal-garaxx, Nru 4, Blokk A, Ta' Monita, aċċessibbli minn Triq San Luqa, Marsaskala, soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' €11.65 stmat li jiswa €5,250.

3. ¼ indiviż tal-fond kummerċjali bl-isem ta' 'Hair Creations by Helena', qabel magħruf bħala MS Households, numru sitta (6), Triq il-Qaliet, Marsaskala, sottopost blokk flats bl-isem ta' St. Joseph Flats, stmat li jiswa €20,500

L-imsemmi fond tappartjeni lil Sharon Risiott (Pass Nru 682100).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Anthony Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-26 ta' Mejju 2008.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Ottubru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1502

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-11 ta' Ġunju 2008, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Novembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT, ili kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar 2008, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar li qegħda l-Mellieħa fil-kuntrada ta' 'Qasam Barrani' fi Triq l-Assedju l-Kbir, bla numru, mibnija fuq plot numru erbatax (14) mill-imsemmija artijiet, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmata li tiswa €280,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' J. Gillard et.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Andrew Ellul fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Ġunju 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Settembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 11th of June 2008, on the application of HSBC Bank Malta PLC, Thursday 6th November, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February 2008 to be held on the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta, of the following property.

House in Mellieħa in the 'Qasam Barrani' district in Triq l-Assedju l-Kbir, unnumbered, built on plot number fourteen (14) of the mentioned lands, with all its rights and appurtenances, valued at €280,000.

The said tenement is the property of J. Gillard et.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Andrew Ellul on the 10th June 2008.

Registry of the Superior Courts, this 30th September, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1503

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-24 ta' April 2008, fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 6 ta' Novembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT, ili kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Ġunju 2006, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

1. L-utile dominju temporanju rimanenti minn 150 sena li bed jiddekorri mis-17 ta' Ottubru 1965, tal-plot numru 7, liema plot jinsab illum skavat, ta' ċirca 1176mk, fi Triq tal-Gardiel kantuniera ma' Triq il-Qaliet, Bajja San Tumas, Marsaskala, stmat li jiswa €815,281.

2. L-utile dominju temporanju rimanenti minn 150 sena li beda jiddekorri mis-17 ta' Ottubru 1965, tal-plot numru 8, fuq liema plot ta' ċirca 1120mk, hemm kumpless ta' bini magħruf bħala 'Ramla Lodge ApartHotel', fi Triq il-Maħsel kantuniera ma' Triq tal-Gardiel, Bajja San Tumas, Marsaskala, stmat li jiswa €815,281.

L-imsemmi fond huwa proprjetà tal-kumpanija Ramla Developments Company Limited (C8383).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-12 ta' Settembru 2006, u n-nota korrettorja datata 3 ta' Ottubru 2006 kif maħlufa fid-19 ta' Ottubru 2006 u skond in-nota korretorja datata 12 ta' Frar 2007 kif maħlufa fit-18 ta' Mejju 2007.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Settembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 24th of April 2008, on the application of BANK OF VALLETTA PLC, Thursday 6th November, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th June 2006 to be held on the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta, of the following property.

1. The remaining period of the temporary utile dominium of 150 years commencing from 17th October 1965, of plot number 7, now an excavated site measuring approximately 1176msq in Triq tal-Gardiel corner with Triq il-Qaliet, St. Thomas Bay, Marsaskala, valued at €815,281.

2. The remaining period of the temporary utile dominium of 150 years commencing from 17th October 1965, pf plot number 8, measuring approximately 1120msq, on which is now erected complex known as 'Ramla Lodge Apart Hotel' in Triq il-Maħsel corner with Triq tal-Gardiel, St Thomas Bay, Marsaskala, valued at €815,281.

The said tenement is the property of the company Ramla Developments Company Limited (C8383).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Ellul Vincenti on the 12th September 2006 and to note of correction dated 3rd October 2006 as sworn on the 19th October 2006 and to another note of correction dated 12th February 2007 as sworn on the 18th May 2007.

Registry of the Superior Courts, this 30th September, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1504

AVVIŻ

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subasta numru 35/07 fl-ismijiet:

Thelma Gera et

Vs

Chev. Alfred Delia

Onor Imħallef Dr G. Camilleri

Il-Qorti,

NOTICE

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction number 35/07 in the names:

Thelma Gera et

Vs

Chev. Alfred Delia

Honourable Mr Justice Dr G. Camilleri

The Court,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2008 bil-prezz ta' €20,000 favur Marion Saliba (KI 140629M) rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li kien jappartjeni lil Ċentru Speranza fl-Inkapaċitati imsemmija fl-istess atti u ċioè:-

Il-fond bin-numru uffiċjali mija u wieħed u tletin (131) fi Triq il-Wied, Birkirkara, stmat li jiswa €304,692.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Dr Anthony Farrugia (KI 468259M) għan-nom u rappreżentata tal-kumpanija Fama Holdings Company Limited kiser l-kwindena u offra €21,000 għall-fond hawn fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmi l-jum tal-Ħamis 13 ta' Novembru 2008 mid-9.00 a.m. sa nofs innhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 1 ta' Ottubru, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Following the adjudication of Thursday 12th June 2008 in favour of Marion Saliba (ID 140629) for the price of €20,000 for the hereunder mentioned tenement belonging to Ċentru Speranza fl-Inkapaċitati mentioned in the same Judicial Acts namely:-

Property officialy numbered one hundred and thirty one (131), Valley Road, Birkirkara, valued €304,692.

Whereas Dr Anthony Farrugia (ID 468259M) in name and representation of Fama Holdings Company Limited interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €21,000 for the mentioned property.

The Court therefore decrees and appoints Thursday 13th November 2008 from 9.00 a.m. to noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 1 of October 2008

ALAN K.ZERAFA,B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

1505

AVVIŻ

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subasta numru 152/06 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta Plc

Vs

Carmel Micallef et

Onor Imħallef Dott. G. Camilleri

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis, 5 ta' Ġunju 2008;

a. bil-prezz ta' €9,000 favur HSBC Bank Malta Plc rigward il-garaxx mingħajr numru tal-kejl ta' ċirka sebgħin metru kwadru (70mk) sottostanti fond mingħajr numru fuq l-ewwel sular, formanti parti minn blokk bl-isem 'Avonlea' mibni fuq plot numru wieħed (1) fuq l-artijiet magħrufa bħala 'Tal-Blata l-Għolja' fi Triq iċ-Ċiklisti, Mosta.

NOTICE

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction number 152/06 in the names:

HSBC Bank Malta Plc

Vs

Carmel Micallef et

Honourable Mr Justice Dr G. Camilleri

The Court,

Following the adjudication of Thursday 5th June 2008;

a. in favour of HSBC Bank Malta Plc for the price of €9,000 for unnumbered garage measuring approximately seventy meters squared (70ms) underlying the unnumbered tenement on the first floor, forming part of a block named 'Avonlea' built on plot number one (1) on the known as 'Tal-Blata l-Għolja' in Cyclists Road, Mosta.

b. bil-prezz ta' €12,800 favur HSBC Bank Malta Plc rigward Garaxx mingħajr numru tal-kejl ta' ċirka mitejn metru kwadru (200mk), sottostanti fond mingħajr numru fuq l-ewwel sular liema garaxx imiss mall-garaxx hawn fuq deskritt,

u li kien jappartjeni lil Carmel (KI 505465M) u Anna Rita (KI 3790A) konjuġi Micallef imsemmija fl-istess atti.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Jordan A. Micallef (KI 49390M) kisser l-kwindena u offra €9,500 għall-fond bl-ittra (a) u €13,500 għall-fond bl-ittra (b) hawn fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmi l-jum tat-Tlieta 4 ta' Novembru 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinnhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 1 ta' Ottubru 2008

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b. in favour of HSBC Bank Malta Plc for the price of €12,800 for the unnumbered garage measuring approximately two hundred meters squared (200ms), underlying the unnumbered tenement on the first floor, which garage is situated next to the garage described above,

belonging to Carmel (ID 505465M) and Anna Rita (ID 3790A) spouses Micallef mentioned in the same Judicial Acts.

Whereas Jordan A. Micallef (ID 49390M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €9,500 for the property with letter (a) and €13,500 for the property with letter (b) mentioned above.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday 4th November 2008 from 9.00 a.m. to noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 1st October, 2008

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

1506

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GħAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fid-9 ta' Ottubru 2008 fuq rikors ta' Angela Xuereb (fl-atti tas-subbasta numru 5/2005 fl-ismijiet Angela Xuereb vs Peter Paul Hili et) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 26 ta' Jannar 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-4 ta' Mejju 2006 li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex tal-fondi hawn taħt deskritt.

Porzjoni art fabbrikali fi Triq Daħlet Qorrot, in-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca mija u tmenin metru kwadru (180mk.) u li fuq parti minn din l-art hemm mibni garaxx u xi kmamar, konfinanti din l-art mix-Xlokk ma' Triq Daħlet Qorrot u mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' beni tal-familja Falzon, stmat li jiswa €116,469.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Angela Xuereb (ID: 3353G) u Peter Paul Hili et. (ID: 0030657G).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-16 ta' Ġunju, 2006.

N.B. Il-proprjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

By decree given by the MAGISTRATES COURT (GOZO) SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on 9th October 2008 on the application of Angela Xuereb (in the records of judicial sale by auction number 5/2005 in the names of Angela Xuereb vs Peter Paul Hili et), Monday 26th January 2009 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 4th May 2006 to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property.

A plot of land suitable for building purposes, in Triq Daħlet Qorrot, Nadur, Gozo, measuring approximately 180 square metres, and on part of which land a garage and some other rooms are built, the whole being bounded on the South-East by Triq Daħlet Qorrot and on the North-West and South-West by property of the Falzon family, valued at €116,469.

The said tenement is the property of Angela Xuereb (ID: 3353G) and Peter Paul Hili et. (ID: 0030657G).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Mizzi on the 16th June, 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Reġistrutal-Qratital-Maġistrati(Għawdex),Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 9 ta' Ottubru 2008.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 9th October 2008

JACLYN MAGRIN
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1507

SUBBASTA NRU. 10/2006

B'sentenza mogħtija mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fis-6 ta' Ġunju 2006 fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 45/1998/1 fl-ismijiet Emmanuela Spiteri et vs Michael Muscat et, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 2 ta' Frar 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2008 li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex tal-fondi hawn taħt deskritti:

1. Fond numru tnejn (2) ta' Triq Skerla, Sannat, Għawdex, stamt li jiswa €226,648.03.

2. Art 'Tal-Ħarruba' fi Triq Skerla, Sannat, Għawdex, stmat li jiswa €10,482.18.

